# TWEGIBA U MISTOQSIJA

*"Hu d-dinja kif issibha,*
*Tfittex li ssewwi xejn:*
*Jekk togħġbok ħawha kulha,*
*W jekk tista' aħtaf tnejn:*

*Jekk int trid tgħix u tifraħ*
*Lil moħħok tħaddimx wisq;*
*Jekk tgħoġbok tfajla busha*
*U kollox ħudu b'risq.*

*La aħna hekk inħlaqna*
*Sinjal li hekk miktub;*
*Tmerihx lill-proxxmu u minnu*
*Issib ruħek maħbub.*

*Jekk tgħix ħajja bħal dina*
*Tkun stmat minn kbar u żgħar*
*U tmut ta' tmenin sena,*
*Bla ħjiel li għext ta' ħmar!"*

*"Ittertaq dejjem moħħok,*
*Tfittex kif u għalfejn,*
*Bex fl-aħħar tasal taħseb*
*Li kollox hu għalxejn.*

*Fil-ġmiel biss tara kruha,*
*L-imrar issib fil-ħlewwa,*
*Tant kbirt f'dan għerfek illi*
*M'għadekx taf xinhu s-sewwa.*

*Jien naf li moħħok tajjeb,*
*Xi ftit raġun intik,*
*Imma għalfejn tħabbel rasek*
*La darba l-ħsieb jifnik?*

*Jien bi frugħiti b'kollox*
*Daħkani lejl u nhar,*
*Inti ħosbien u mdejjaq.*
*Min fostna hu l-iżjed ħmar?"*

E. AGIUS.